MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2007

Numru. 1111/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**SANDRO SCHEMBRI ADAMI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sandro Schembri Adami ta' 42 sena, bin Franz u Yvonne nee' Brincat, imwieled Attard nhar il-25 ta' Awwissu, 1963, residenti fil-fond numru 15, Flat 17, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 488863M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju tas-sena 2004, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, seba' mija u disgha u disghin lira maltin (Lm28,799.40), ghad-dannu tal-eredi tal-mejjet Joseph Debono, u cioe' Rita Debono u bintha Colette Debono, liema somma ta' flus kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat, u liema somma ta' flus kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu;

2. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkosanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex inqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' tmienja u ghoxrin elf, seba' mija u disgha u disghin lira maltin (Lm28,799.40), ghad-dannu tal-eredi tal-mejjet Joseph Debono, u cioe' Rita Debono u bintha Colette Debono;

3. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'Gunju tas-sena 2004 jew fix-xhur ta' wara, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registru jew f'atti pubblici ohra, wara li kienu gia' iffurmati jew maghluqa;

4. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku,jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

5. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

6. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz je helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

7. U aktar talli perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn atti, kitba, jew skrittura falza;

8. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku li kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta' dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

9. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minnxi dokument iehor falsifikat;

10. U kif ukoll talli fl-istess perjodu jew cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi atti, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat, li fiz-zmien in kwistjoni kien jahdem bhala nutar pubbliku, gie inkarigat mill-eredi tal-mejjet Joseph Debono biex jizbanka xi flus li kienu iddepozitati mal-banek lokali. Dawn kienu jammontaw ghal madwar Lm29,000.00 (disgha u ghoxrin elf lira maltin). L-allegazzjonijiet fil-konfront tal-imputat kienu bazikament tnejn, u l-imputazzjonijiet kollha jistghu jigu assorbiti f'dawn:
Fl-ewwel lok, li l-imputat effettivament zbanka dawn il-flus minghajr ma ghaddiehom lill-eredi tal-mejjet, u fit-tieni lok, biex ghamel hekk, iffalsifika skrittura u ghamel uzu minnha.

Mill-provi kollha prodotti l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-imputazzjonijiet kollha gew ippruvati fil-konfront tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni pproduciet xhieda u dokumenti li kollha juru li kien l-imputat li wettaq dan ir-reat. Anzi, mhux talli hekk, izda d-Difiza ma ressqet ebda prova biex tirribatti l-kaz tal-Prosekuzzjoni, u kien ftit jiem biss qabel ma nghatat din is-sentenza li l-imputat hallas is-somma kollha dovuta lill-eredi ta' Debono, u huwa precizament ghalhekk biss li l-Qorti m'hix sejra taghti piena ta' prigunerija effettiva, ghax kaz bhal dan zgur kien jimmerita piena ta' karcerazzjoni immedjata li kieku ma sarx dan il-hlas. Meta ufficjal pubbliku, li huwa vestit b'fiducja mill-istat biex jaqdi funzjoni pubblika, jabbuza minn dik il-fiducja u japprofitta ruhu minn klijenti tieghu bil-mod kif ghamel dan l-imputat, ma tantx jisthoqq li jintwera klemenza mill-Qorti. Huwa biss minhabba l-fatt illi l-imputat ghamel tajjeb ghall-flus li ha billi hallas kollox lura, li l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 337 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tnaqqas il-piena bi grad.

Izda l-Qorti thoss li l-imputat ghandu jifhem il-hazin li ghamel, u l-mod kif dan jista' jsir hu billi waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ikollu mieghu ufficjal tal-Probation biex jassistieh u fl-istess hin jissorvelja l-ghemil tieghu. Barra minn hekk, l-imputat ghandu jhallas tal-

ispejjez tal-esperti tal-Qorti, li ammontaw ghal Lm405.92 (erba' mija u hames liri maltin, u tnejn u disghin centezmu), kif indikat a retro ta' fol 154 tal-process. Din il-piena, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta iggib maghha wkoll l-interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat, kif fil-fatt il-Qorti sejra tordna.

Ghal dawn il-motivi;

Wara li rat l-Artikoli 293, 294, 310(1)(a), 141, 308, 309, 179, 167(1), 169, 183, 184, 185(1), 189, 138, 140, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh.

U ghaldaqstant qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija, sospizi ghal erba' (4) snin, taht supervizjoni ta' ufficjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn hekk din il-Qorti qed tornda wkoll l-interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat ai termini tal-Artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

Inoltre il-Qorti qed tordna li estratt ta' din is-sentenza tigi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, ai termini tal-Artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-ahharnett din il-Qorti qed tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti tal-Qorti mahtura f'dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------